# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU: 2685

**Kaz Numru : 3604/DP**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Clyde Mifsud (ID: 173879M)**

**u**

**Ferrara Limited**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata ngusta**

**Chairperson : Is-Sinjura Doreen Parnis M.A., LL.B; Dip.L.P; B.A., P.G.C.E.**

**Nhar it-Tnejn 10 ta' Novembru, 2020**

**Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Rikors pprezentat mill-Avv Roberta Spiteri f'isem ir-rikorrent Clyde Mifsud fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar il-21 ta' Dicembru, 2017, fejn sostniet li t-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu minn mas-socjeta' ntimata, huma ghal ragunijiet ingusti. Minn naha taghha s-Socjeta ntimata Ferrara Ltd fl-istqarrija taghha qalet li mhux minnu li l-impjieg gie tterminat, izda r-rikorrent abbanduna l-post tax-xoghol wara li inghata twissija.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati mill-partijiet, fejn sema' x-xhieda mressqa minn nahat involuti, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ha 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kif ipprezentati fis-sottomissjonijiet ta' l-avukati difensuri.

## Rapprezentanza

Clyde Mifsud li minn issa l-quddiem ser jissejjah ir-rikorrent kien assistit mill-Avv. Roberta Spiteri

Ferrara Ltd li minn issa l-quddiem ser tissejjah is-Socjeta ntimata, kienet irraprezentata mill-Avukat Keith A Borg u l-Avv. Roberta Mercieca.

## Fatti fil-qosor tal-kaz

Ir-rikorrenti kien gie ingaggata mas-Socjeta' ntimata fuq bazi full-time bhala Sales Representative fuq kuntratt indefinit. Jidher li fit-2 ta' Ottubru 2017, l-esponenti gie infurmat minghand l-Imghallem tieghu u Maurizio Francica cioe illi l-impjieg tieghu kien se jigi tterminat minnufih u skond ir-rikorrent, dan minghajr ebda raguni valida fil-ligi.

Minn naha taghha s-socjeta tinsisti li ma kienx hemm tkeccija izda abbandun tal-post tax-xoghol wara li nghata twissija verbali.

## Gabra fil-qosor tax-xhieda

**Maurizio Francica** bhala direttur qal li hu flimkien ma huh Andrea mpjegaw lir-rikorrent fir-rwol ta' Sales Representative biex idur il-hwienet, jigbor il-flus u jsib klijenti godda. Huwa qal ukoll li r-rikorrent qatt ma gablu klijenti godda. Qal ukoll li l-klijenti kienu jgorru u li biex ikellmek trid timbuttah u fis-sales inti trid tavvicinah. U mhux hu li kien ihajjar in-nies. Ix-xhud kompla billi qal li anke hu avvicinah u ddecieda li jpoggi persuna ohra f'dan id-dipartiment ghal gimgha u nofs mar-rikorrent biex jghinu. Dan gab tibdil tajjeb ghall-bidu, izda wara rega kollox kif kien. Qal ukoll li kien rega kellmu u qallu li se jerga' jibghat l-istess persuna ta' qabel biex tassistih. Qal ukoll li wara li rega' kellmu mill-ghada ma tfaccax aktar ghax-xoghol u lanqas ma wiegeb telefonati. Meta baqa' ma tfaccax, ix-xhud qal li offrielu impjieg alternattiv, wara li kien diga beda jinstema' l-kaz quddiem it-Tribunal, u li r-rikorrent ma accettax ,u qal ukoll li sal-lum ghadu mnizzel bhala mpjegat mieghu. Ix-xhud ikkonferma li r-rikorrent mhux itterminat u fil-fatt ghadu rregistrat mas-socjeta'.
Ghall-kontro-ezami qal li minkejja li l-JobsPlus baghtet l-ittra tat-terminazzjoni, filfatt kien ghadu mpjegat mieghu. Qal ukoll li minkejja li pprova jaghmel kuntatt mieghu, ghax baqa' jistennih, ma kienx jirrispondi. Ix-xhud qal li se jikkonferma jekk huh kienx veru tterminah fit-3 ta' Ottubru. Ikkonferma wkoll li rcieva minn ghand il-JobsPlus li r-rikkorent kien itterminat wara li nbdew il-proceduri fit-Tribunal.

**Andrea Francica** bhala Direttur qal li meta kellu t-tieni interview r-rikorrent hu kien prezenti, u hu wkoll ghamillu l-kuntratt tax-xoghol. Ix-xhud qal li lr-rikorrent impjegawh bhala salesman u xoghlu kien li jsib hwienet godda u bhala employers ghaddewlu klijenti huma wkoll, biex

ikun jista' jbielghom u jigbor flus f'isem il-kumpanjija. Ix-xhud qal li r-rikorrent kellu mgieba tajba, izda l-ilmenti li kien jircievi kien li ma kienx motivat, u l-klijenti qalu li ma setghux jaqbdu sew mieghu. L-ilmenti huwa ghaddihom lil huh Maurizio Francica ghax hu kien jiehu hsieb is-sales tal-kumpanija. Huwa qal ukoll li jaf li kellmuh u l-ghada ma tfaccax ghax-xoghol. Ix-xhud qal li pprova jcempillu minghajr ma rnexxielu jaqbdu u ma semghu qatt aktar minn ghandu sakemm tfaccat il-kawza. Huwa spjega wkoll li dan kien l-ewwel xoghol ta' salesman li ghamel ir-rikorrent. Spjega wkoll kif l-attenzjoni li kienet ingibditlu lir-rikorrent kienet wahda verbali u li huma bhala kumpanija, as such, ma jaghtux twissijiet bil-miktub. Ix-xhud ikkonferma li riedu jaghtuh xoghol alternattiv fil-warehouse. Ghal-mistoqsija fil-kontro-ezami, x-xhud qal li l-impjieg alternattiv gie offrut wara li kienu bdew il-proceduri quddiem it-Tribunal.

**Timmy Scerri** bhala salesman tal-kumpanija u xoghlu jkun fuq barra jdur il-klijenti tal-kumpanija. Ilu jaghmel dan ix-xoghol ghal ghaxar snin u jinvolvilu li jsir jaf lill-klijenti sew u jara xi jkun jonqoshom biex b'hekk anke jlahhaq mat-target sales. Ix-xhud qal li lir-rikorrent sar jafu fuq ix-xoghol u li kien ilu mpjegat maghhom sentejn. Huwa spjega li r-rikorrent kellu jaghmel l-istess xoghol li kien jaghmel hu u ghal daqstant fil-bidu hareg mieghu idur biex irawwmu u dam jaghnel hekk tliet gimghat, biex ir-rikorrent jilhaq jidra l-klijenti. Ix-xhud qal ukoll li ghall-ewwel kienu jcemplu lilu l-klijenti ghax ma kienux draw lir-rikorrent ghax kien ghadu gdid, imma mbaghad is-sitwazzjoni baqghet l-istess, jigifieri baqghu jfittxu lilu, lix-xhud, ghax ir-rikorrent ma kienx jaqdihom sew, billi jghid li ma jafx jew jibqa' ma jurix interess li jsir jaf. Kellu ghalhekk, kompla x-xhud, jerga' jibda johrog idur mieghu. Huwa spjega kif darba minnhom kellhom jitilghu Ghawdex flimkien, ghal xi 7.30am kellhom jiltaqghu, izda sad-9.00am kien ghadu ma tfaccax u ma setax jikkuntattjah lanqas fuq it-telephone. Huwa qal li kellu jerga' jibda johrog mieghu biex jintlahqu t-targets, u dan wara li x-xhud stess kien kellmu fuq din il-bicca , kif ukoll kellmu l-imghallem taghhom.

**Clayton Galea** jahdem bhala store keeper u kull filghodu jiehu hsieb jghabbi l-vannijiet tas-Salesman u jiccekja ghal xi repairs li jkunu gabu lura maghhom.. Huwa qal li ilu jahdem mas-socjeta' mal-15 il sena. Huwa qal li lir-rikorrent jafu fuq xoghol u kull filghodu jghabbilu l-vann. Huwa spjega kif dak inhar tal-gurnata inkwistjoni, huwa ghabba l-vann normali izda r-rikorrent ma tfaccax u jaf ukoll li dak inhar minflok ir-rikorrent tela' bix-xoghol Timmy.

**Clyde Mifsud**, permezz ta' affidavit, spjega n-natura tax-xoghol tieghu, jigifieri li kien inkarigat minn diversi hwienet kemm f'Malta kif ukoll f'Ghawdex u kien jigbor il-hlasijiet u jqassam ix-xoghol go dawn l-istess hwienet., kif ukoll jurihom prodotti godda u jigbor returns

minn dawn il-hwienet. Ir-rikorrent qal li waqt l-interview minbarra l-paga, kien ukoll imwieghed 1% commission ghall-ewwel sitt xhur u wara l-commission jitla' ghal 2% fuq ix-xoghol li kien se jbiegh. Liema commission kellu jkun mizjud mal-paga ta' kull xahar. Ix-xhud qal li beda jahdem fid-29 ta' Lulju 2016. Huwa qal li fl-ewwel xahar waqt il-probation, kien assistih Timothy biex jurih ir-rotot u s-sistema. Ix-xhud qal li kien jinnota diversi prodotti out of stock u kien jigbed l-attenzjoni, imma ma kien isir xejn. Wara xahar ma baqax jigi assistit u beda jaghmel ix-xoghol wahdu. Ix-xhud qal li qatt ma kien hemm ilmenti la min-naha tal-klijenti u l-anqas minn min ihaddmu, tant li wara sitt xhur gie ufficjalment impjegat. Ix-xhud qal ukoll li fis-27 ta' April 2017 mar btala u ha xi granet leave u f'dan il-perjodu ssostitwih Timothy. Ix-xhud qal li wara gimaghtejn huwa rritorna x-xoghol u hawn Timothy avvicinah u staqsih jekk kellux xi problema mal-hwienet. Huwa staqsih ghala qed jghid hekk. Ix-xhud qal li Timothy qallu ghax kien hemm xi sidien li lmentaw li ma kienx qed jurihom prodotti godda li jkollu fuq it-tablet u l-bejgh tbaxxa, izda minn naha tal-payments dawn baqghu jfahhruh.

Ix-xhud qal li kif sar jaf b'dan mar ikellem lil Maurizio u nfurmah b'li kien qallu Timothy. Ix-xhud spjega kif Maurizio qallu biex ma jaghtix kaz ghax filwaqt li veru li l-bejgh kien naqas, il-pagamenti kien qed jigborhom sew. Maurizio hawn offrilu xoghol fuq gewwa jekk kien ghadu jhossu ma darax fuq barra. Ghaldaqstant, ix-xhud serrah rasu u kompla ghaddej. Huwa qal li f'Awissu 2017, Timothy rega beda jakkumpanjah ghax inbidlet is-sistema. Ghal Ottubru, ezattament fl-ewwel ta' Ottubru 2017, ix-xhud qal li gie avvicinat minn Maurizio u qallu fl-ghaxija qabel ma rritorna lejn id-dar. Hemm infurmah li kien se jitterminalu l-impjieg ghax il-bejgh kien baxx u l-accountant kien qallu li mhux qed jaghmlu qligh bizzejjed. Ix-xhud qal li wara li qallu li hu kien qed jaghmel xogholu, Maurizio fost kliem hazin qallu li s-salesman l-iehor li kien ilu 11- il sena kien qed igib aktar xoghol. Ix-xhud gie nfurmat dak il-hin li kellu 15-il gurnata notice u li minn l-ghada kien se jkun assistit minn Timothy. Ix-xhud temm l-affidavit billi qal li dam ma sab impjieg u sofra dipressjoni minhabba dan il-kaz u ghadu s-s'issa jbaghti l-konsegwenzi u ma jistax isib xoghol fiss.

Ghall-kontro-ezami x-xhud qal li kien jaf li xoghlu jinvolvi bini ta' relazzjoni mal-klijenti. Huwa kkonferma li ghandu l-payslips li kien jaghfas fuq sales u pprova jzid mal-klijenti li kienu inghaddew lilu. Ix-xhud qal li ghajjatlu ta' fuqu u qallu li se jtih in-notice u ha jibaghtlu persuna (Timmy) biex idur mieghu waqt in-notice. Ix-xhud rega' kkonferma li meta kien isib affarijiet out of stock kien jigbdilhom l-attenzjoni. Huwa qal ukoll li l-ewwel darba li dehru t-Tribunal huwa gie offrut xoghol iehor. Huwa qal ukoll li nforma lil imghallem li n-notice irrifjuta li jahdmu.

Ix-xhud ghall-mistoqsija tal-kontro-ezami kkonferma li kien gie msejjah biex jitterminalwu l-impjieg ghax ma kienx qed ilahhaq mal-produzzjoni, u kien se jinaghta n-notice, izda r-rikorrent accetta u ma riedx l-anqas jahdem in-notice.

Kompla jixhed u kkonferma li hu telaq ghax iffastidja ruhu kif kellmu.

**Maurizio Francica** ta spjega ta' kif jittiehed u jigi rregistrat il-leave u sick leave mal-kumpanija u pprezenta lit-tribunal kemm ha leave ir-rikorrent.

**Dr. George Debono** fil-kapacita' tal-persuna li kkurat lir-rikkorrent. Ix-xhud qal li hu Psikjatra li ilu jaf u lir-rikorrent bhala pazjent ghal dawn l-ahhar tmintax -il sena. Huwa qal li r-rikorrent ibati mill-OCD li tvarja fl-intensita'. Ikun fuq kura, u jkun hemm zmien li tkun aktar intensive minn zmien iehor. Kien pazjent on and off u mhux kontinwu, u ma kiens hemm pattern regolari. Ir-rikorrent, qal ix-xhud, kien icempillu ta' spiss u l-ahhar li rah kien xi sitt xhur ilu. Ix-xhud kien tah il-parir biex ma jfittixx xoghol immedjatament.. sakemm jigi fi stat li ista' jahdem. Ix-xhud qal li kull tip ta' stress izidlu l-kondizzjoni tieghu u fosthom li tilef l-impjieg, kien kaz ta' intensita' fil-kundizzjoni. Ix-xhud rega kkonferma waqt il-Kontro-ezami li hu tah il-parir li ma jahdimx sakemm jitjieb izda kkonferma wkoll li c-certifikati tat-tobba li gie muri mid-difiza ma kienux tieghu, izda ta' tobba ohra u l-anqas ma nhargu fuq xi struzzjoni li hu ta lil xi tabib. Ikkonferma, izda li hu kien ta l-parir lir-rikorrent li ma kienx tajjeb ghax-xoghol meta rah l-ahhar xi sitt xhur ilu.

**Dr Sean Apap Meli** bhala rapprezentant tas-Sigurta' Socjali qal li r-rikorrent qed jinhargulu tliet tipi ta' beneficcji socjali: Pensjoni ta' l-Invalidita' €491.28 kull erba' gimghat, il-cost of living bonus €5.44 u l-SPBO li huwa special bonus ta' €3.12 fil-gimgha, €12.48 kull erba' gimghat.

**Sintesi tat-trattazzjonijjiet tal-kaz**

**Dr. Rebecca Mercieca** ghan-nom tas-Socjeta' ntimata qalet li hemm prezenti zewg verzjonijet konflingenti, min-naha r-rikorrent qed jghid li gie tterminat, fil-waqt li s-socjeta' qed tghid li r-rikorrent abbanduna l-post tax-xoghol. Dr. Mercieca qalet li kieku gie tterminat kif il-JobsPlus ma giex infurmat? Hija qalet ukoll li qabel waqa' f'dipressjoni r-rikorrent gie offrut impjieg alternattiv li huwa rrifjuta.

**Dr. Roberta Spiteri** ghan-nom tar-rikorrenti qalet li kollox jorbot mal-laqgha tat-3 ta' Ottubru 2017 fejn ir-rikorrent jallega li tkecca u b'hekk infethu l-proceduri. Dan il-fatt huwa ri-infurzat bil-fatt skond it-termination letter tal-JobsPlus id-data hija wkoll ta' 3 ta' Otubru u b'hekk dan juri li veru gie tterminat u mhux kif qed jghid s-socjeta' li huwa abbanduna x-xoghol. Tant hu hekk, qalet Dr. Spiteri li gie offrut xoghol iehor fis-6 ta' Frar 2018 u dan sehh wara li nbdew il-proceduri f'dan it-Tribunal. Hija qalet ukoll li din it-terminazzjoni sehhet minghjr ma kien hemm l-ebda process ta' dixxiplina.

**KUNSIDERAZZJONIJIET**

It-Tribnal irid jistabilixi jekk dak li allegatament sofra ir-rikorrenti u li jinkwadra mat-tmiem ta' mpjieg huwiex effettivament gustifikabbli.

Tenut kont ta' disa' fatturi mgjuba bi provi waqt is-smiegh tal-kaz, cioe:

Li -rikorrent kien ingaggat fuq bazi full time, b'kuntratt indefinit bhala Sales Representative mid-29 ta' Lulju 2016 sat-3 ta' Ottubru 2017;

Li direttur minnhom qal li rrikorrent ghadu mnizzel bhala mpjegat mas-socjeta' u fuq il-Job History jidher li hu tterminat;

Li fl-affidavit ir-rikorrent jghid li huwa kien itterminat u li kien informa lid-direttur tal-Kumpanija esponenti li ma kienx behsiebha jahdem notice u min-naha l-kumpanija qed tghid illi r-rikorrenti kien inaghta struzzjonijiet sabiex jahdem ftit tal-granet ma' mpjegati ohra;

Li fil-bidu tal-kawza s-socjeta' ghamlet offerta ta' mpjieg alternattiv lir-rikorrenti, liema mpjieg gie rrifjutat;

Li mhux car mill-provi li r-rikorrenti tpogga fuq notice u li r-rikorrent stess waqt il-kontro-ezami ikkonferma li ma rritornax ghax-xoghol ghax iffastitdja ruhu bil-mod kif kellmuh;

Li r-rikorrenti ilu jbaghti minn kondizzjoni ta' OCD li tiggrava u titjieb perjodikament kif ikonferma l-psikjatra waqt ix-xiehda tieghu, li qal ukoll li ilu jikkura r-rikorrenti ghal dawn l-ahhar tmintax- il sena;

Li skond il-psikjatra stess it-tensjoni li holqitlu c-cirkostanza prezenti ziditlu l-gravita' tal-kundizzjoni tant li hu stess ta l-parir lir-rikorrent li mhux tajjeb biex jahdem fil-prezent;

Li ma giex ippruvat li sar forma ta' process ta' dixxiplina u li s-socjeta' qed tghid li meta gibditlu l-attenzoni li mhux iwettaq xoghlu kif suppost ghamel dan verbalment u segwit dan billi riedet tibaghtlu persuna biex tassistieh;

Li fil- gurnata tat-3 ta' Ottubru meta r-rikorrenti gie msejjah quddiem il-management u qal li gie tterminat, hija fil-fatt il-gurnata mnizzla mal-Jobsplus li gie tterminat minkejja li s-socjeta' qed tghid mod iehor cioe li ma terminatux imma hu abbanduna x-xoghol.

**DECIZJONI**

Dan it-Tribunal gie mitlub jiddeciedi jekk it-terminazzjoni tar-rikorrent kienitx gusta jew le. Dan It-Tribunal jibda biex jghid li sahaq diversi drabi biex meta socjeta tigi biex tittermina mpjegat ghandu jkun hemm dikjarat u car process ta' dixxxiplina li jirrifletti gustizzja fuq l-impjegat li jkun se jintemlu l-impjieg. Kuntrarju ghal dan, f'dan il-kaz ma jidhirx li sehh.
F'dan il-kaz partikolari dan in-nuqqas ixekkel bil-bosta l-process ta' assessjar u t-Tribunal ikollu jistrieh fuq provi li aktarx ikunu konflingenti. Jidher li r-rikorrent kien itterminat, ghalkemm is-socjeta' tghid li hija riedet theggu jtejjeb l-operat billi tipprovdilu assistenza minn imjegat iehor. Min-naha tieghu r-rikorrent jghid li hu kien gie offrut jibda n-notice u hu jghid li rrifjuta jaghmel dan.
Fatt interessanti hu li s-socjeta' offriet impjieg alternattiv lir-rikorrent bejn wiehed u iehor malli r-rikorrent intavola l-kawza. Ghal dan it-Tribunal, dan il-fatt jitfa' dawl fuq is-sitwazzjoni li fil-verita' huwa gie tterminat. Minkejja kollox dan it-Tribunal mhux se juza dan l-ghagir bhala dghjufija min-naha tas-socjeta' u l-anqas mhu se juza dan id-dettal kontra l-istess Socjeta'. Anzi dan it-Tribunal huwa tal-fehma li s-scjeta' ghagixxiet kif suppost u r-rikorrent kellu kull opportunita' li jiehu din l-opportunita'. L-fatt li psikjatra tar-rikorrent sikwit qallu li fil-prezent ma kienx abbli ghax-xoghol, ma jnaqqasx mill- unuri li s-socjeta' harget b'din l-offerta, anke jekk dan jista' jitqies li s-socjeta' kienet qed tipprova tiirrimedja s-sitwazzjoni bl-ghan li jigi evitat dan il-process.
It-Tribunal qed jikkonsidra wkoll li r-rikorrent ma sofriex il-kundizzjoni prezenti bhala rizultat tat-terminazzoni mill-impjieg imma diga kien ilu jsofri minnha ghal dawn l-ahhar tmintax -il sena. Minkejja dan gie ppruvat li l-kundizzjoni ggravat wara t-terminazzjoni. Sew jekk il-kundizzjoni tieghu kienet mistura u sew jekk le fil-bidu tal-ingagg tieghu mas-socjeta, dan it-Tribunal ihares lejn il-fatt li gie offrut u fil-fatt inaghata dan l-impjieg bhala azzjoni minnha nfisha gusta u ta' min wiehed jinnutaha.Jibqa' l-fatt li kif graw l-affarijiet r-rikorrent sofra intensifikazzjoni li rrenditu impjegabbli sal-prezent. Dan it-Tribunal mhux konvint li mhu se jirnexxielu jitjieb qatt u li mhux se jsib impjieg sad-data tal-irtirar, jigifieri ghas-27 sena li ghad fadal. Tajjeb li t-Tribunal jghid ukoll li gala darba din il-kundizzjoni tieghu ilha fuqu tmintax-il sena u kien kapaci jimpjega ruhu fl-2016 mas-Socjeta', mhu jara xejn diffkultuz li jerga'

jahdem fil-futur, meta tqis ukoll li l-impjieg tieghu huwa abbundanti fis-suq, dak bhala salesman.

B'dawn il-fatti pprezentati lilu dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi li t-teminazzjoni tar-rikorrent kienet wahda ingusta u qed jillikwida d-danni fis-somma ta' tliet t'elef, mija u sitta u hamsin ewro (€3,156.0). It-Tribunal wasal ghal din is-somma billi ha l-paga inkluz commission li kien jaqla' r-rikorrent fix-xahar, minnha tnaqqset is-somma li jinghata bhala assistenza mill-istat, inkluz il-penzjoni tal-invalidita' u din inhadmet mid-data tat-terminazzjoni sas-6 ta' Frar 2018, id-data li dan it-Tribunal mill-provi rrizultalu li r-rikorrent kien gie offrut impjieg alternattiv, liema mpjieg gie rrifjutat. Din is-somma ghandha tithallas fi zmien xahar mid-data tal-lum.

Ghall-finijiet ta' l-avviz Legali 48 tal-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' tlieta u disghin euro u sbatax -il centezmu (€ 93.17)

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol

**(Iffirmat)**
**Doreen Parnis**
**Chairperson**

**Vera Kopja**

**Graziella Spiteri**
**Ghas-Segretarju**